MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2003

Talba Numru. 391/2003

**Anthony Baldacchino**

**vs**

**Patrick Delia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Frar, 2003, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u disgha u ghoxrin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm429.20) rappresentanti mport ta' tmien kambjali accettati u ffirmati mill-konvenut u girati favur l-attur, liema kambjali mmaturaw mis-6 ta' Lulju 2002 sas-6 ta' Frar 2003.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri nterpellatorji tas-17 ta' April 2002 u t-12 ta' Frar 2003, u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-attur li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ erba’ mija u disgha u ghoxrin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm429.20) , bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------